# Proġett ta' Restawr

Is-Sur James SALIBA

Wieħed mid-dmirijiet tal-Grupp Mexxej tal-Konfraternità huwa li nħarsu u nippreservaw il-patrimonju artistiku li jinsab fil-Knisja tagħna b'tali mod li dan jista' jiġi mgħoddi lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Għal dan l-għan inbeda proġett ta' restawr fuq numru ta' paramenti sagri li fost oħrajn jinkludu gandlieri indurati tas-seklu tmintax (Artal ta' San Pawl u Artal tal-Kunċizzjoni), is-sett ta' statwi indurati bil-fidda li jirrappreżentaw il-profeti (Artal Maġġur) u ieħor tal-appostli (Artal tal-Agunija/ Konfraternità Lourdes). Ix xogħol ġie fdat lil tim dinamiku ta' professjonisti li jispeċjalizzaw fir-restawr tal-arti fl-injam, immexxi minn James Saliba.

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li kemm jista' jkun jitwaqqaf il-proċess ta' deterjorazzjoni li qed itellef mill-valur artistiku ta' dawn il-bċejjeċ tal-arti. Prijorità oħra hi li tinżamm l-awtentiċità sħiħa ta' dawn l-oġġetti u għalhekk kemm jista' jkun tiġi salvata l-oriġinalità tagħhom. Dan filwaqt li nżommu f'moħħna

Il-fatt li dawn il-bċejjeċ ta' arti għadhom jintramaw fuq l-artali tagħna fil-jiem tal-festa, għalhekk huwa xieraq li jkomplu jirriflettu l-livell artistiku li bih inħadmu fil-bidu. Dan jirrikjedi li partijiet neqsin jerġgħu jinħadmu u jiġu integrati mal-partijiet oriġinali. Huwa importanti li sabiex tibqa' tinżamm l-awtentiċità tal-opra partikolari, dawk il-partijiet neqsin jinħadmu bl-istess teknika applikata fl-oriġinal.

Il-metodoloġija li ser tintuża biex jintlaħaq dan il-bilanċ bejn il-konservazzjoni u r-restawr estetiku titlob għażla ta' materjali kemm tradizzjonali kif ukoll innovattiv. Restawr ta' dan it tip jirrikjedi li t-teknika artistika eżekuttiva tkun konformi mat-teknika taż-żmien li fih ġew maħduma dawn l-opri tal-arti sabiex ikun ċert li tinżamm l-awtentiċità sħiħa tagħhom.

Il-proċess ġenerali li minnu se jgħaddu dawn l-oġġetti huwa: id-dokumentazzjoni tal-istat ta' preservazzjoni qabel l-intervent, l-eliminazzjoni ta' degrad miġjub minn attività ta' insetti (susa) fejn hu meħtieġ tindif minn depożitu ta' xemgħa u ħmieġ li akkumula matul iż-żminijiet, tindif tal-fidda, konsolidament tas-saffi preparatorji, tiswijiet u rikostruzzjoni tal-partijiet mitlufa, ir-ri-integrazzjoni tal-istrati preparatorji, ir-ri-integrazzjoni tal-induratura mitlufa u l-applikazzjoni ta' saff protettiv. Il-proċess kollu qed jigi ddokumentat sabiex ikun arkivjat.

Dan il-proġett ta' restawr qed ikun ko-finanzjat mill-fondi Ewropej għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD). Il-Konfraternità tirringrazzja lill-Awtorità Maniġerjali tal-EAFRD, GAL XLOKK *Action Group*, kif ukoll lil *Agricultural Rural Paying Agency* għall-għajnuna u d-direzzjoni.

Il-Grupp Mexxej jirringrazzja lill-membri kollha tal-Fratellanza għas-sapport kontinwu u tal-impenn kollettiv sabiex nissalvagwadjaw il-wirt storiku u artistiku li tħaddan il-fratellanza.

Best Print Co. Ltd., Qrendi • Tel: 21 680 789










